IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.6.2026
COM(2026) 565 final

2026/0169 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 u r-Regolament (UE) 2020/740 fir-rigward tas-simplifikazzjoni u l-użu aħjar tal-għażliet diġitali għat-tikkettar tal-enerġija u tat-tajers

{SEC(2026) 565 final} - {SWD(2026) 565 final} - {SWD(2026) 566 final}

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Rapport Draghi 2024[1] enfasizza li t-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari se tkun essenzjali biex jiġu żgurati l-prosperità ekonomika, ir-reżiljenza u l-kompetittività fit-tul tal-UE. Il-prodotti effiċjenti fl-enerġija jnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija għall-konsumaturi u għan-negozji tal-UE filwaqt li jnaqqsu wkoll l-użu tal-materjali, il-ħtiġijiet tal-infrastruttura u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG). Il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti tal-enerġija hija qafas ta' politika li ilu jeżisti u li oriġina wara l-kriżi taż-żejt tal-1973, u li minn dak iż-żmien 'l hawn ġie rfinat u estiż gradwalment, u issa jkopri prodotti li jirrappreżentaw fatturat annwali stmat ta' aktar minn EUR 500 biljun, u kostijiet tal-enerġija relatati u kostijiet operazzjonali oħrajn għall-utenti ta' aktar mid-doppju ta' dak l-ammont[2].

Bi tweġiba għar-rapport Draghi, il-Boxxla għall-Kompetittività[3] identifikat il-ħtieġa urġenti għas-simplifikazzjoni u għall-approfondiment tas-suq intern bħala faċilitaturi orizzontali għall-kompetittività. Il-Kummissjoni stabbiliet miri biex tnaqqas il-kostijiet amministrattivi b'25 % għan-negozji u għall-awtoritajiet pubbliċi kollha u b'35 % għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Ir-rapport Draghi indika wkoll li ma hemmx biżżejjed sorveljanza, infurzar u konformità tas-suq bħala nuqqas kbir fl-implimentazzjoni tal-oqfsa tal-UE dwar l-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija. Il-pjan ta' azzjoni għal enerġija affordabbli[4] jinkludi azzjoni dwar it-tikkettar biex jikkontribwixxi għal kontijiet tal-enerġija aktar baxxi għall-unitajiet domestiċi.

Għalhekk, bħala parti mill-impenn tagħha li tgħarbel l-*acquis* kollu tal-UE, fil-programm ta' ħidma tagħha tal-2026[5] il-Kummissjoni ħabbret inizjattiva omnibus dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti relatati mal-enerġija.

Din il-proposta għandha l-għan li tagħmel reviżjonijiet immirati tal-atti li ġejjin:

- Ir-Regolament (UE) 2017/1369 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija (ir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija[6]); u
- Ir-Regolament (UE) 2020/740 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra (ir-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers[7]);

---

1 Draghi, M. (2024), The future of European competitiveness.

2 Ecodesign Impact Accounting Overview Report 2025, https://energy-efficient-products.ec.europa.eu/policy-making-0_en#impacts

3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-29 ta' Jannar 2025, "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE", COM(2025) 30 final.

4 Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli: Nisfruttaw il-valur reali tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna biex niżguraw enerġija affordabbli, effiċjenti u nadifa għall Ewropej kollha - Enerġija

5 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-21 ta' Ottubru 2025, "Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni 2026 - Il-Mument tal-Indipendenza tal-Ewropa", COM (2025) 870 final.

6 Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1–23 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1369/oj)

7 IR-REGOLAMENT (UE) 2020/740 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-25 ta' Mejju 2020 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra, li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 (ĠU L 177 5.6.2020 p 1. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/740/oj)

Il-proposta tibni fuq ir-rapporti ta' implimentazzjoni adottati b'mod parallel skont l-Artikolu 19 tar-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija u skont l-Artikolu 15 tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers[8]. Il-proċess ta' konsultazzjoni f'diversi stadji kien jinkludi djalogu ta' implimentazzjoni[9], kontroll tar-realtà[10] u sejħa għal evidenza[11]. Huwa appoġġat b'valutazzjoni tal-impatt[12].

Il-qafas tal-effiċjenza enerġetika għall-prodotti relatati mal-enerġija u għat-tajers jikkonsisti f'sett komprensiv ta' dispożizzjonijiet imfassla biex jipprovdu lill-klijenti u lill-utenti finali b'informazzjoni armonizzata u komparabbli dwar l-enerġija u karatteristiċi oħra tal-prodotti qabel ma jieħdu deċiżjoni dwar ix-xiri. Għall-prodotti relatati mal-enerġija, il-forniturijdaħħlu fir-Reġistru Ewropew tal-Prodotti għat-Tikkettar tal-Enerġija (EPREL) informazzjoni dwar l-aspetti tal-effiċjenza enerġetika u dwar aspetti mhux tal-enerġija bħar-riċiklabbiltà u l-istorbju. Bl-istess mod, għat-tajres, il-forniturijdaħħlu fl-EPREL informazzjoni dwar ir-reżistenza għad-dawrien tat-tajers (rilevanti għall-effiċjenza enerġetika), il-qabda fuq l-imxarrab (rilevanti għall-aspetti tas-sikurezza) u aspetti ambjentali oħra.

Il-proposta ma tbiddilx il-kamp ta' applikazzjoni u l-objettivi tal-qafas tat-tikkettar u tippreserva l-objettiv ewlieni ta' politika ta' divulgazzjoni li jippermetti lill-klijenti u lill-utenti finali jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar ix-xiri. Madankollu, matul l-iskrinjar tal-*acquis* tal-UE, ġew identifikati għażliet ta' simplifikazzjoni, inkluż billi sar użu aħjar tal-ekosistema diġitali maħluqa mill-EPREL[13]. .

Il-proposta tintroduċi bidliet immirati sabiex:

- tissimplifika r-regoli għall-forniturijn-negozjanti mingħajr ma tikkompromettil-għoti tal-informazzjoni neċessarja lill-klijenti u lill-utenti finali filwaqt li timmassimizza l-aċċessibbiltà għal dik l-informazzjoni u tiffaċilita t-tqabbil tal-prodotti; u
- ittejjeb il-konformità u l-infurzar billi ttejjeb iċ-ċarezza tal-kunċetti legali u użu aħjar tal-għażliet diġitali.

Dawn il-bidliet immirati se jipprovdu l-flessibbiltà biex jiġu adottati rekwiżiti aktar xierqa speċifiċi għall-prodott fl-implimentazzjoni ta' miżuri li għalihom jitwettqu b'mod sistematiku rieżamijiet, evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt individwali skont ir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija.

Modifiki ulterjuri possibbli tar-Regolamenti dwar it-Tikkettar tal-Enerġija u tat-Tajers huma kompletament barra mill-kamp ta' applikazzjoni u mill-miri tal-proposta kurrenti. Il-Kummissjoni se tikkomunika b'mod kostruttiv mal-koleġiżlaturi, sabiex tiżgura li l-proċess leġiżlattiv dwar il-proposta preżenti jippreserva bis-sħiħ l-għan essenzjali tagħha u ma jibdlux.

Ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għall-Prodotti Sostenibbli (UE) 2024/1781 (ESPR)[14], li ħassar u ssostitwixxa d- Direttiva 2009/125/KE dwar l-Ekodisinn[15] mit-18 ta' Lulju 2024,

---

8 COM(2026) 319 u COM(2026) 326.

9 https://energy.ec.europa.eu/events/implementation-dialogue-energy-efficient-product-legislation-commissioner-dan-jorgensen-2025-10-14_en?prefLang=mt.

10 https://energy.ec.europa.eu/events/reality-check-energy-product-legislation-2025-12-08_en?prefLang=mt.

11 The Commission seeks views on how to simplify legislation on energy efficient products.

12 SWD(2026) 565.

13 Is-Sit web pubbliku tal-EPREL.

14 Ir-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, li jemenda d-

soġġett għal ċerti miżuri tranżizzjonali, ma huwiex parti minn dan l-omnibus. L-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR) għadha f'fażi bikrija ħafna. Għall-finijiet ta' din l-inizjattiva, qed jintalab allinjament fl-inizjattivi kollha inkluż dwar l-interazzjoni bejn il-Passaport Diġitali tal-Prodotti (DPP) u l-EPREL.

Fl-aħħar nett, il-proposta tħassar ir-Regolament (KE) Nru 106/2008[16] u r-Regolament (UE) Nru 174/2013[17], li implimentaw il-Ftehim Energy Star bejn l-Istati Uniti u l-UE u li saru obsoleti meta dan tal-aħħar skada.

Il-proposta fiha l-miżuri ewlenin li ġejjin:

Flessibbiltà fir-rigward tal-format għat-tikketti tal-enerġija li jakkumpanjaw il-prodotti filwaqt li tinżamm il-possibbiltà li jinkisbu tikketti stampati fuq talba

Ir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija jirrikjedi li kull unità ta' prodott introdott fis-suq tkun akkumpanjata minn tikketta stampata. Għall-biċċa l-kbira tal-prodotti, it-tikketta tkun tinstab ġewwa l-kaxxa. Għad-dawl u għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi, huwa meħtieġ l-istampar fuq l-imballaġġ. Barra minn hekk, f'każ ta' riklassifikazzjoni, kemm it-tikketta skont ir-regolament l-antik (it-tikketta mhux riklassifikata) kif ukoll it-tikketta skont ir-regolament rieżaminat (it-tikketta riklassifikata) għandhom jiġu kkonsenjati f'format stampat ma' kull unità ta' prodott għal perjodu ta' 4 xhur qabel ma t-tikketta riklassifikata tintwera lill-klijenti potenzjali (minn hemm 'il quddiem imsejħa "l-perjodu ta' tranżizzjoni").

Il-valutazzjoni tal-impatt li tappoġġa din il-proposta vvalutat għażliet alternattivi għal kif għandha tiġi pprovduta t-tikketta - filwaqt li jinżamm ir-rekwiżit ewlieni li tikketta trid tintwera lill-klijenti jew lill-utenti finali fil-punti tal-bejgħ. Il-proposta tfittex li tnaqqas in-numru ta' tikketti ġewwa l-kaxxi u/jew stampati fuq l-imballaġġ li ma jintużawx għall-wiri u li l-klijent jew l-utent finali jikseb mal-prodott mixtri u jista' sempliċiment jarmi malli tkun ittieħdet id-deċiżjoni dwar ix-xiri. Il-proposta tneħħi r-regola awtomatika fil-qafas tat-tikkettar tal-enerġija li jkollha tikketta stampata li takkumpanja kull unità iżda ma tintroduċix sistema "diġitali biss" għat-tikketta, minħabba l-impatt li dan ikollu fuq is-settur tal-bejgħ bl-imnut aktar iddominat mill-SMEs u n-nuqqas ta' studji dwar l-imġiba speċifiċi għas-settur dwar l-effett tat-tranżizzjoni kompluta lejn tikketti diġitali.

Il-proposta tneħħi wkoll l-obbligu għall-fornituri tat-tajers u tal-prodotti relatati mal-enerġija li jdaħħlu immaġni tat-tikketta separata fl-EPREL peress li l-bażi tad-data tal-prodotti tiġġenera dawn it-tikketti awtomatikament. Barra minn hekk, il-proposta tiżgura li l-kodiċi QR li huwa obbligatorju fuq it-tikketti riveduti u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-EPREL jiġu trażmessi tul il-katina tal-provvista.

Il-proposta żżomm il-possibbiltà li n-negozjanti jitolbu tikketti stampati mingħand il-fornituri, għażla li hija mistennija tintuża minn negozjanti iżgħar li jistgħu jiffaċċjaw kostijiet ogħla għal kull unità tal-istampar mill-fornituri, li ġeneralment huma manifatturi akbar. Il-proposta

---

Direttiva (UE) 2020/1828 u r-Regolament (UE) 2023/1542 u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE (ĠU L, 2024/1781, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1781/oj).

15 Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10–35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/125/oj).

16 Ir-Regolament (KE) Nru 106/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 1–7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/106/oj).

17 Ir-Regolament (UE) Nru 174/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 106/2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju (ĠU L 63, 6.3.2013, p. 1–4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/174/oj).

tagħti wkoll lill-bejjiegħa l-possibbiltà li juru t-tikketta fil-ħwienet fuq skrins diġitali, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi li jippermettu li t-tali skrins juru tikketti tal-enerġija fir-riżoluzzjoni, il-kulur u d-daqs xierqa.

Skedi ta' informazzjoni dwar il-prodott kompletament elettroniċi

L-iskedi ta' informazzjoni dwar il-prodotti (PIS) jipprovdu lin-negozjanti b'informazzjoni teknika addizzjonali utli għall-kummerċjalizzazzjoni u għall-bejgħ. Dawn jistgħu jiġu aċċessati minn kulħadd permezz tal-EPREL fejn ikunu disponibbli awtomatikament bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni. L-Artikolu 3(1) tar-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija joffri l-għażla li ma jkunx meħtieġ it-twassil ta' PIS stampata għal kull unità ta' prodott li tkun inżammet effettivament mill-atti delegati adottati sa issa. Anke jekk in-negozjanti bħalissa għandhom id-dritt li jitolbu skedi ta' informazzjoni dwar il-prodotti stampati, dan id-dritt rarament jiġi eżerċitat. Għalhekk, jenħtieġ li l-PIS isiru kompletament diġitali b'tali mod li titlesta d-diġitalizzazzjoni ta' din il-parti tal-obbligi.

Akkontabilità aktar b'saħħitha għall-manifatturi mhux tal-UE u għar-rappreżentanti awtorizzati tagħhom

L-Artikolu 2(11) tar-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija jiddefinixxi "rappreżentat awtorizzat" (AR) bħala "persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mill-manifattur biex taġixxi f'isimha fir-rigward ta' kompiti speċifiċi". Dik id-definizzjoni ġiet stabbilita biex ikun hemm entità bbażata fl-UE responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-mudelli fl-EPREL f'isem manifatturi ta' pajjiżi terzi. Madankollu, il-kunċett ta' AR ma jidher fl-ebda dispożizzjoni ulterjuri tar-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija, li joħloq nuqqas ta' ċarezza dwar ir-rwol tal-AR, b'mod partikolari, peress li r-responsabbiltà għall-introduzzjoni tal-prodotti fis-suq tibqa' tal-manifattur. Għalhekk, il-proposta tistabbilixxi dmir għall-ARs biex jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq (MSAs) u tirrikjedi li kopja ffirmata tal-mandat tal-AR tiżdied mal-EPREL bħala kundizzjoni għar-reġistrazzjoni tal-prodotti u li kwalunkwe bidla fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il-mandat tiġi nnotifikata lill-MSAs.

Simplifikazzjoni tat-tranżizzjoni għal tikketti riklassifikati għall-forniturі u għan-negozjanti

Ir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija bħalissa jirrikjedi li l-forniturі jwasslu kemm tikketti mhux riklassifikati kif ukoll tikketti riklassifikati f'forma stampata għal kull unità ta' prodott matul perjodu ta' tranżizzjoni ta' 4 xhur qabel id-data li fiha jiġu introdotti t-tikketti riklassifikati. In-negozjanti jridu jiksbu tikketti riklassifikati biex ikomplu jbigħu l-istokkijiet eżistenti tagħhom u jeħtieġ li jibdlu t-tikketta murija fi żmien 14-il jum ta' xogħol mid-data uffiċjali tar-riklassifikazzjoni. Jistgħu jkomplu jbigħu unitajiet bit-tikketta mhux riklassifikata lil hinn minn dik f'każijiet eċċezzjonali biss.

Il-proposta tintroduċi flessibbiltà akbar matul il-perjodu ta' tranżizzjoni biex tippermetti lill-forniturі jipprovdu tikketti f'konformità mal-proċessi tagħhom tat-tqegħid tal-prodott fis-suq matul dan iż-żmien u n-negozjanti jibdlu t-tikketta murija bħala parti aktar naturali mill-ġestjoni tal-istokk tagħhom. Il-prodotti li jkollhom it-tikketta mhux riklassifikata jistgħu jiġu kkummerċjalizzati u mibjugħa, fil-ħwienet u online, għal perjodu estiż ta' 12-il xahar mid-data uffiċjali tar-riklassifikazzjoni (id-data minn meta l-forniturі jistgħu jintroduċu biss unitajiet fis-suq akkumpanjati mit-tikketta riklassifikata).

Prinċipju ta' darba biss għall-EPREL

Il-proposta tiċċara li l-prodotti li għalihom l-EPREL joffri informazzjoni ekwivalenti għal dik stabbilita f'att delegat adottat skont l-ESPR ma għandhomx għalfejn jerġgħu jiġu rreġistrati fir-reġistru li jiġġestixxi l-passaport tal-prodotti diġitali previst li jiġi stabbilit skont l-ESPR. Minflok, se jiġi żgurat li l-parti amministrattiva ċentrali tal-EPREL u l-informazzjoni komuni

“relatata mal-mudell” fl-EPREL tkun interkonnessa mal-informazzjoni fil-livell tal-element tar-reġistru tad-DPP. Barra minn hekk, għal prodotti fejn informazzjoni simili tkun obbligatorja fil-livell tal-mudell fl-EPREL u fid-DPP, konnessjoni bejn iż-żewġ sistemi għandha tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti filwaqt li tevita kwalunkwe duplikazzjoni potenzjali tar-rapportar għall-operaturi ekonomiċi. Dan għandu jiġi żgurat ukoll għat-tajers fir-rigward tar-rekwiżiti tal-informazzjoni stabbiliti f’atti delegati adottati skont ir-Regolament (UE) 2024/1781. Teżisti rabta simili bejn l-EPREL u s-Sistema ta’ Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq pan-Ewropew tal-prodotti tekniċi (ICSMS) fir-rigward ta’ rapporti ta’ spezzjoni approfonditi. Bl-istess mod, ma għandhiex tkun meħtieġa t-tieni verifika tal-identità, sakemm ma jkunx hemm bżonn li jiġu vverifikati rekwiżiti addizzjonali għad-DPP.

Barra minn hekk, il-fornituri li rreġistraw il-prodotti tagħhom kif xieraq u pprovdew id-dokumentazzjoni meħtieġa fl-EPREL jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw lilha bħala evidenza fir-rigward tal-valutazzjoni tal-eliġibbiltà tal-prodott għall-inċentivi tal-Istati Membri (li, f’konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija, għandu jkollhom l-ogħla żewġ klassijiet tal-effiċjenza enerġetika popolati b’mod sinifikanti, jew fi klassijiet ogħla stabbiliti fl-att delegat għall-prodott). Jenħtieġ li l-fornituri ma jiffaċċjawx talbiet addizzjonali għall-istess dokumentazzjoni fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jaċċessaw id-dokumentazzjoni rilevanti permezz tal-EPREL. Għalhekk, l-Istati Membri se jkollhom jikkunsidraw bħala prova suffiċjenti tal-eliġibbiltà, l-informazzjoni diġà rreġistrata fl-EPREL (jew f’DPP) sa fejn din ikun fiha l-informazzjoni meħtieġa biex tiġi vvalutata l-eliġibbiltà u sakemm il-fornituri jippreżentaw evidenza ta’ sostenn bħal rapporti tat-testijiet, dikjarazzjonijiet tal-konformità, u fejn rilevanti, dokumentazzjoni ta’ valutazzjoni tal-konformità ta’ partijiet terzi.

Kjarifiki tar-responsabbiltajiet tal-partijiet ikkonċernati tul il-katina tal-provvista

Kemm ir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija kif ukoll ir-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers jiddefinixxu r-responsabbiltajiet għall-fornituri u għan-negozjanti. Madankollu, għall-kuntrarju tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers, ir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija ma jagħmilx distinzjoni bejn d-distributuri bl-ingrossa u n-negozjanti li jbigħu lill-klijenti. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija u r-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers ma jiddefinixxux b’mod ċar ir-responsabbiltajiet tal-intermedjarji bħall-installaturi, is-sewwejja professjonali, il-fitters tat-tajers jew il-fitters tal-kċejjen. Fil-fatt, l-unika darba li l-installaturi jissemmew speċifikament fir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija hija bħala klijenti ta’ negozjant ieħor. Huwa rilevanti li jiġi speċifikat li huma koperti mill-obbligi tan-negozjanti meta jbigħu prodotti relatati mal-enerġija bħala parti mis-servizzi kummerċjali tagħhom. Il-proposta tiċċara li l-installaturi li joffru għall-bejgħ, għall-kiri jew għal-lokazzjoni b’opzjoni ta’ xiri prodotti b’tikketta tal-enerġija bħala parti mill-attività kummerċjali tagħhom, iridu jinkludu tikketti tal-enerġija tal-prodott rilevanti fl-istediniet tagħhom għax-xiri, peress li din hija informazzjoni prekuntrattwali importanti li tiżgura deċiżjonijiet infurmati dwar ix-xiri, u jagħmlu disponibbli l-iskeda ta’ informazzjoni dwar il-prodott kif indikat fl-att delegat.

Bl-istess mod, huwa xieraq li tiżdied il-kategorija speċifika ta’ fitters tat-tajers skont ir-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers peress li spiss dawn ikollhom rwol doppju: mhux sempliċiment jiffittjaw it-tajers; meta jagħmlu dan, huma tipikament ikunu involuti wkoll fil-bejgħ jew fil-kiri ta’ tajers bħala parti mill-attività kummerċjali tagħhom fejn ir-rwol tagħhom imbagħad ma jkunx differenti minn dak ta’ ħwienet tradizzjonali jew virtwali.

B’kuntrast, in-negozjanti tal-vetturi, intermedjarju possibbli ieħor fil-katina tal-bejgħ tat-tajers, ma għandhomx jibqgħu jkollhom għalfejn juri t-tikketta tat-tajers fil-bejgħ ta’ karozzi

ġodda peress li l-utenti finali fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ma jistgħux jagħżlu t-tajer installat fuq il-vettura tagħhom, u peress li r-reżistenza tad-dawrien tipikament diġà tkun riflessa indirettament f'informazzjoni prekuntrattwali oħra marbuta mal-emissjonijiet u mal-awtonomija.

Allinjament tal-proċeduri għall-aġġornament tal-parametri skont ir-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers ma' dawk skont ir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija

Ir-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers jippermetti biss lill-Kummissjoni taġġorna permezz ta' atti delegati l-valuri, il-metodi ta' kalkolu u r-rekwiżiti ta' informazzjoni fuq it-tikketta relatata ma' kundizzjonijiet severi ta' borra u ta' silġ. Dan ma jagħtix is-setgħa lill-Kummissjoni biex taġġorna jew tirrieżamina l-partijiet tat-tikketta dwar l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil, il-qabda fuq l-imxarrab jew l-istorbju. Għalhekk, l-uniku mod kif dawn il-partijiet tat-tikketta tat-tajer jiġu aġġornati jew jiġu riklassifikati huwa permezz ta' emenda tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers f'kodeċiżjoni. B'riżultat ta' dan, it-tikketta kurrenti tat-tajers hija skaduta fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) u tar-realtajiet tas-suq. Billi tippermetti r-reviżjoni tal-aspetti kollha tat-tikketta tat-tajers permezz ta' atti delegati, il-proposta tallinja mal-approċċ skont ir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija li jippermetti l-aġġornament tal-parametri kollha tat-tikketta fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq.

Aġġornament tal-parametri ta' informazzjoni dwar it-tajers fil-parti pubblika tal-EPREL

Il-proposta temenda r-rekwiżiti ta' informazzjoni kurrenti skont ir-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers biex tkopri dawk il-parametri meħtieġa għall-għażla mhux ambigwa tat-tajers, inkluż għall-finijiet tar-Regolament tal-UE dwar it-tassonomija (UE) 2020/852[18].

Iż-żieda tar-rapporti tat-testijiet għat-tajers mad-dokumentazzjoni li għandha tittella' fil-parti tal-konformità tal-EPREL li hija aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq

Skont ir-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers, l-approvazzjoni tat-tip tat-tajers titwettaq fil-livell tal-grupp ta' prodotti ("familja ta' tajers") u abbażi tal-"agħar xenarju". B'kuntrast ma' dan, it-tikketta tat-tajers u r-reġistrazzjoni fl-EPREL huma bbażati fuq il-mudell. Dan jista' jwassal għal sitwazzjonijiet fejn xi mudelli ta' tajers ikollhom prestazzjoni aħjar mill-"agħar xenarju" ddokumentat mill-approvazzjoni tat-tip għall-"familja" sħiħa (li tista' tkopri diversi mudelli). Il-proposta tissostitwixxi r-rekwiżit li jiġu pprovduti protokolli tal-ittestjar b'rekwiżit li jiġu pprovduti rapporti tat-testijiet li għandhom jissostanzjaw il-valuri ddikjarati fit-tikketta. Huwa ċċarat li fejn jintużaw simulazzjonijiet jew estrapolazzjonijiet biex jiġu ddeterminati l-valuri eżatti għal ċerti daqsijiet/mudelli fi ħdan il-familja ta' tajers, dawk il-proċeduri għandhom jiġu pprovduti flimkien mar-riżultati sottostanti użati bħala bażi għal dawk il-kalkoli. Ir-rapporti tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jissostitwixxu biss il-ħtieġa ta' rapport tat-test speċifiku jekk il-prestazzjoni ddikjarata ma tkunx aħjar mill-"agħar xenarju" għall-"familja".

Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Din il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-konsistenza ma' strumenti oħra bħall-ESPR u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA)[19].

---

[18] Ir-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 li jistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

Bażi legali

Il-bażijiet legali ta' din il-proposta huma l-Artikoli 114 u 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Dan jirrifletti l-bażijiet legali sottostanti tar-regolamenti li qegħdin jiġu riveduti: L-Artikolu 194(2) (TFUE) għar-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija u l-Artikolu 114 u l-Artikolu 194(2) (TFUE) għar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers.

Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Din il-proposta torbot ma' regolamenti direttament applikabbli li jirregolaw l-aċċess għas-suq intern. Il-proposta ma tbiddilx id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri. L-emendi mmirati għar-rekwiżiti kompletament armonizzati stabbiliti skont ir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija u r-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers, ma jbiddlux is-sustanza jew l-ambizzjoni tal-objettivi politiċi ta' dawn iż-żewġ regolamenti.

Proporzjonalità

L-emendi mmirati jtejbu l-effettività tar-regoli eżistenti u l-benefiċċji mill-fatt li jkun hemm l-EPREL għas-suq intern u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jinżammu kundizzjonijiet ekwi, jiżguraw konformità uniformi u allinjament aħjar mal-iżviluppi teknoloġiċi. L-obbligi l-ġodda huma mmirati abbażi tal-evidenza. Filwaqt li jitneħħa r-rekwiżit ta' "kulħadd f'keffa waħda" li jkun hemm tikketta stampata li takkumpanja kull unità ta' prodott, jinżamm id-dritt tal-klijenti li jkollhom tikketta murija fil-ħwienet u n-negozjanti jżommu d-dritt li jitolbu tikketti stampati mingħand il-fornituri.

Għażla tal-istrument

Proposta għal Regolament hija l-istrument xieraq peress li l-atti sottostanti li qegħdin jiġu emendati huma wkoll Regolamenti.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

L-Artikolu 19 tar-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija kien jirrikjedi li l-Kummissjoni tipproduċi rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament. Bl-istess mod, l-Artikolu 15 tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers kien jirrikjedi li l-Kummissjoni tipproduċi rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament. Iż-żewġ rapporti huma adottati flimkien ma' din il-proposta u jipprovdu xi evidenza għall-valutazzjoni tal-impatt.

Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Il-Kummissjoni tikkonsulta regolarment lill-partijiet ikkonċernati meta tistabbilixxi u tirrieżamina r-rekwiżiti tal-prodott u t-tikketti tal-enerġija permezz tal-Forum ta' konsultazzjoni stabbilit mill-Artikolu 14 tar-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija. Dan il-forum ġie kkonsultat ukoll bil-miktub dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni dwar it-tikkettar tal-enerġija fl-2025. Ġie riċevut kontribut minn 12-il Stat Membru (l-Awstrija, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Portugall u s-Slovenja), żewġ pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea/l-Assoċjazzjoni

[19] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1–102, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).

Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (in-Norveġja u l-Iżlanda) u seba' membri mhux governattivi (l-APPLiA, id-Digital Europe, l-EHI, l-EHPA, l-EPEE, il-EuroCommerce u l-Lighting Europe). Ir-rapporti ta' implimentazzjoni kienu appoġġati wkoll minn żewġ **stħarriġiet** rappreżentattivi, wieħed dwar ir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija u ieħor dwar ir-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers li huma disponibbli għall-pubbliku[20]..

Fl-14 ta' Ottubru 2025, sar **djalogu ta' implimentazzjoni** li kien jinvolvi 23 organizzazzjoni li jkopru l-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati, kif ġej:

– manifatturi: APPLiA, CEFACD, CEMEP, Digital Europe, EHI, EHPA, Eurovent, Lighting Europe, Tyres Europe;

– negozjanti: Ebay, EDRA-GHIN, EuroCommerce, Independent Retail Europe;

– installaturi: GVP Europe;

– MSAs: il-president tal-grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva għall-Ekodisinn u għat-Tikkettar tal-Enerġija, Esperti indipendenti tas-sorveljanza tas-suq, PROSAFE, RVO (NL);

– Organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs)/gruppi ta' riflessjoni/assoċjazzjonijiet tal-konsumatur: BEUC, CLASP, ECOS, EEB; u

– oħrajn: SME United.

Wara d-djalogu ta' implimentazzjoni, f'Diċembru 2025 issejħet **laqgħa ta' kontroll tar-realtà**. Il-parteċipazzjoni kienet miftuħa għall-pubbliku (u mħabbra fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni). Intbagħtu stediniet lill-Forum ta' Konsultazzjoni, lill-Grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva għall-Ekodisinn u għat-Tikkettar tal-Enerġija u lill-Grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva għat-Tikkettar tat-Tajers[21].

Il-laqgħa ta' kontroll tar-realtà laqqgħet flimkien madwar 160 parteċipant wiċċ imb wiċċ u online. Il-parteċipanti kienu prinċipalment manifatturi (40 %), awtoritajiet tal-Istati Membri/tal-infurzar (30 %), konsumaturi/NGOs/gruppi ta' riflessjoni (7 %). Rappreżentant tal-bejgħ bl-imnut wieħed biss attenda.

L-aġenda tal-laqgħa ta' kontroll tar-realtà kopriet aspetti tekniċi ta' miżuri li jistgħu jiġu previsti biex ir-regoli skont ir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija u t-Tikkettar tat-Tajers isiru aktar sempliċi u effettivi. Il-Kummissjoni ppreżentat żewġ dokumenti informali biex tistruttura d-diskussjoni. L-aġenda kienet tinkludi skambju approfondit dwar suġġeriment minn APPLiA biex isir approċċ "diġitali b'mod awtomatiku" għat-tikketta tal-enerġija, li ġie miċħud minn gruppi oħra ta' partijiet ikkonċernati. Wieħed mill-eżiti ewlenin tad-diskussjoni kien appoġġ qawwi għal approċċ li jagħti flessibbiltà biex jiġi ddeterminat, fuq bażi speċifika għall-prodott, l-aktar mod xieraq biex it-tikketta tiġi pprovduta ma' prodotti individwali. Kien hemm ukoll qbil wiesa' li t-tranżizzjoni bejn it-tikketti f'każ ta' riklassifika tista' tiġi ssimplifikata. Żewġ awtoritajiet nazzjonali u Tyres Europe kienu l-partijiet ikkonċernati ewlenin li pprovdew input dwar simplifikazzjonijiet possibbli għar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers.

Sejħa għal evidenza kienet miftuħa għar-rispons mit-12 ta' Frar 2026 sat-12 ta' Marzu 2026. Irċeviet 58 tweġiba, nofshom mill-manifatturi. Kien hemm ukoll trikkib ta' 75 % mal-parteċipanti fil-laqgħa ta' kontroll tar-realtà. Is-sottomissjonijiet ikkonfermaw b'mod wiesa' l-

[20] Study on consumer understanding of the EU tyre label applied since 1 May 2021 u Study on consumer understanding of the EU energy labels applied since 2021.

[21] Adcos - Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs.

pożizzjonijiet magħrufin ta' qabel tal-gruppi tal-partijiet ikkonċernati. Għal aktar dettalji dwar il-passi kollha ta' konsultazzjoni, ara l-Anness 2 (rapport fil-qosor) tal-valutazzjoni tal-impatt.

Ġbir u użu tal-għarfien espert

Il-ġbir tal-evidenza twettaq mill-Kummissjoni. Minbarra l-input tal-partijiet ikkonċernati, l-analiżi fil-valutazzjoni tal-impatt u din il-proposta huma bbażati l-aktar fuq iż-żewġ rapporti ta' implimentazzjoni u l-istħarriġiet li akkumpanjawhom, u dwar l-informazzjoni intuwittiva miġbura mis-sorveljanza tas-suq, ir-rapporti tal-attivitajiet nazzjonali ta' konformità mwettqa fl-2024, l-analiżi tal-istatistika tal-EPREL u tal-ICSMS, l-ilmenti riċevuti mill-Kummissjoni, id-data u r-riċerka tas-suq disponibbli għall-pubbliku u s-sejbiet minn proġetti ffinanzjati mill-UE li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-oqfsa tat-tikkettar tal-enerġija u tat-tajers, b'mod partikolari l-Azzjoni Konċertata[22] u s-Servizzi ta' Konformità tal-EEPLIANT[23]. .

Valutazzjoni tal-impatt

Valutazzjoni tal-impatt takkumpanja din il-proposta u tinkludi sommarju komprensiv tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

Din tistabbilixxi l-loġika u l-problemi ta' intervent li għandhom jiġu indirizzati mill-proposta u tikkwantifika l-iffrankar u l-kostijiet mistennija f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Komunikazzjoni adottata dan l-aħħar dwar ġabra ta' regoli tal-UE aktar sempliċi, aktar ċara u infurzata aħjar (COM (2026) 380). Il-laqgħa ta' skrutinju mal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) saret fl-20 ta' Mejju 2026 u l-valutazzjoni tal-impatt irċeviet opinjoni mhux kwalifikata fit-22 ta' Mejju 2026 li rrakkomandat li jittejbu:

(1) l-analiżi tan-nuqqas ta' konformità; u

(2) ir-raġunament u t-tqabbil taż-żewġ għażliet ta' politika u l-valutazzjoni soċjali/tal-konsumatur.

Il-valutazzjoni tal-impatt ġiet irrieżaminata fid-dawl tal-lista ta' kontroll tal-kwalità tal-RSB u tal-opinjoni mhux kwalifikata tagħha, u valutazzjoni tal-impatt riveduta ġiet kondiviża bħala parti mill-konsultazzjoni bejn is-servizzi.

Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni

Il-proposta hija konformi mal-objettivi tal-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT). Tipproponi mezzi biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità għall-forniturі u għan-negozjanti, jiżdiedu l-benefiċċji tal-EPREL u tittejjeb l-effettività tal-MSAs. Il-proposta temenda r-Regolamenti eżistenti dwar it-Tikkettar tal-Enerġija u t-Tikkettar tat-Tajers. F'konformità mal-prinċipju ta' "One In, One Out", din l-omnibus hija mistennija li twassal sa EUR 125[24] miljun fi ffrankar annwali tal-kostijiet amministrattivi, xprunat mit-tneħħija u mis-simplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet matul perjodu ta' 10 snin. Il-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw minn obbligi ġodda huma stmati għal EUR 11,5 miljun. L-impatti pożittivi indiretti li jirriżultaw għall-forniturі, għan-negozjanti, għall-klijenti u għall-MSAs – li jirriżultaw minn kundizzjonijiet aktar ekwi – ma jinqabdux f'din il-monetizzazzjoni.**Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq id-drittijiet fundamentali.

---

22 EEPLIANT - Dar

23 Servizzi ta' Konformità

24 Din iċ-ċifra hija EUR 2 miljun/sena ogħla mill-kwantifikazzjoni fir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt minħabba aġġustamenti żgħar fil-miżuri proposti.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli

5. ELEMENTI OĦRA

Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

Mhux applikabbli.

Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

L-Artikolu 1 jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369.

L-Artikolu 2 jemenda r-Regolament (UE) 2020/740.

L-Artikolu 3 iħassar ir-Regolament (KE) Nru 106/2008 u r-Regolament (UE) Nru 174/2013.

L-Anness I jissostitwixxi l-Anness III tar-Regolament (UE) 2020/740.

L-Anness II jemenda l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2020/740

L-Anness III jemenda l-Anness VII tar-Regolament (UE) 2020/740

2026/0169 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 u r-Regolament (UE) 2020/740 fir-rigward tas-simplifikazzjoni u l-użu aħjar tal-għażliet diġitali għat-tikkettar tal-enerġija u tat-tajers

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 u l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[25],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[26],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-linji gwida politiċi għat-terminu 2024-2029 tal-Kummissjoni[27] jindikaw l-għan li tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni biex jiġu eliminati kwalunkwe trikkib u kuntradizzjoni, filwaqt li jinżammu l-objettivi tal-politika oriġinali. Fil-komunikazzjoni tagħha dwar Strateġija għal suq uniku[28], il-Kummissjoni tirrikonoxxi d-diġitalizzazzjoni tal-formati tal-karta bħala lieva ewlenija għal suq uniku li jiffunzjona mingħajr xkiel. Dik id-diġitalizzazzjoni hija implimentata parzjalment għall-iskeda ta' informazzjoni dwar il-prodott, iżda mhux għalissa għat-tikketta tal-enerġija.

(2) Ir-rapport Draghi[29] jindika sorveljanza tas-suq insuffiċjenti u infurzar dgħajjef bħala nuqqasijiet ewlenin fl-implimentazzjoni tal-oqfsa tal-UE dwar l-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija. Dan jinkludi tikketti neqsin, foloz jew imqiegħda ħażin, u dikjarazzjonijiet ħżiena jew inkonsistenti tal-effiċjenza enerġetika fuq it-tikketti u fir-Reġistru Ewropew tal-Prodotti għat-Tikkettar tal-Enerġija ("EPREL").

(3) Fil-kuntest tal-impenn tal-Kummissjoni li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u l-kostijiet ta' konformità, ittejjeb l-interoperabbiltà, u tistimula l-kompetittività, huwa xieraq li jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u

25 ĠU C [...], [...], p. [...].
26 ĠU C [...], [...], p. [...].
27 L-Għażla Quddiem l-Ewropa, Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029, Ursula von der Leyen.
28 COM (2025) 500.
29 Draghi, M. (2024), The future of European competitiveness.

tal-Kunsill [30] li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u r-Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [31] dwar it-tikkettar tat-tajers.

(4) Huwa xieraq li jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet għas-simplifikazzjoni u għad-diġitalizzazzjoni, li ma kinux antiċipati meta ġew adottati r-Regolament (UE) 2017/1369 u r-Regolament (UE) 2020/740. B'mod partikolari, l-iżvilupp ulterjuri u l-użu usa' tal-EPREL, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2017/1369, jirrappreżentaw tali opportunitajiet li għadhom ma ġewx sfruttati bis-sħiħ. Din il-bażi tad-data fiha aktar minn żewġ miljun entrata mudell għall-prodotti relatati mal-enerġija u għat-tajers, u l-introduzzjoni ta' kodiċijiet QR fuq it-tikketti rispettivi tiftaħ l-aċċess għal informazzjoni komprensiva dwar il-prodotti għan-negozjanti, għad-distributuri, għall-klijenti u għall-utenti finali.

(5) Il-prodotti relatati mal-enerġija huma diversi ħafna u jvarjaw mill-elettronika u l-apparati elettrodomestiċi kbar għal apparati kbar tat-tisħin u tat-tkessiħ. Hemm bżonn ta' aktar flessibbiltà dwar meta u kif għandha tiġi pprovduta tikketta ma' kull prodott, fid-dawl tad-diversità tal-prodotti u tal-kanali ta' distribuzzjoni. Jenħtieġ li r-rekwiżit li jkun hemm tikketta stampata għal kull unità jiġi adattat għall-ispeċifiċitajiet tal-prodott li jippermettu li tiġi identifikata l-aħjar kombinazzjoni ta' trażmissjoni diġitali u stampata tat-tikketta.

(6) L-esperjenza turi li l-format elettroniku tal-iskeda ta' informazzjoni dwar il-prodott ġie aċċettat mis-suq, u jenħtieġ li jsir kompletament diġitali. Għalhekk, jenħtieġ li jitneħħa d-dritt tan-negozjanti li jitolbu kopja stampata ta' din l-iskeda ta' informazzjoni dwar il-prodott. Sabiex jiġi żgurat li l-klijenti, l-installatur, in-negozjanti, is-sewwejja professjonali, ir-riċiklaturi u kwalunkwe parti ikkonċernata oħra u l-pubbliku b'mod ġenerali xorta jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar il-prodott bħall-istruzzjonijiet dwar il-manutenzjoni u t-tiswija maħżuna fl-EPREL, huwa xieraq li jiġi speċifikat li jenħtieġ li l-forniturijinkludu informazzjoni fid-dokumentazzjoni li takkumpanja l-prodott, il-materjal promozzjonali tekniku, fir-reklami viżivi, u fil-bejgħ mill-bogħod, u b'hekk jippermettu l-irkupru tal-informazzjoni rreġistrata fl-EPREL.

(7) Ir-rapporti skont l-Artikolu 19 tar-Regolament 2017/1369 u skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2020/740, u r-riżultati tal-kontrolli tal-konformità mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq u minn atturi oħra tas-suq, jindikaw livelli insuffiċjenti persistenti ta' sorveljanza tas-suq u livelli għoljin ta' nuqqas ta' konformità li jirriżultaw, b'mod partikolari għall-bejgħ online. Xi wħud minnhom għandhom l-għeruq tagħhom f'definizzjonijiet u fi speċifikazzjonijiet tekniċi mhux ċari li jenħtieġ li jiġu ċċarati.

(8) Sabiex tiġi evitata l-ħtieġa li l-operaturi ekonomiċi ta' prodotti relatati mal-enerġija jirreġistraw diversi drabi l-istess informazzjoni relatata mal-mudell, huwa xieraq li tiġi żgurata rabta teknika bejn l-EPREL u l-element ċentralizzat tar-reġistru diġitali futur skont ir-Regolament (UE) 2024/1781[32]. Sistema unika għall-verifika elettronika tal-identità tal-

---

30 Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1–23, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1369/oj).

31 Ir-Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra, li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 (ĠU L 177, 5.6.2020, p. 1–31, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/740/oj).

32 Ir-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, li jemenda d-Direttiva (UE) 2020/1828 u r-Regolament (UE) 2023/1542 u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE (ĠU L, 2024/1781, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1781/oj).

fornituri għaż-żewġ bażijiet tad-data tnaqqas ukoll il-piż għall-fornituri. L-użu mill-ġdid tal-informazzjoni rreġistrata fl-EPREL għal skopijiet nazzjonali, bħad-dokumentazzjoni tal-eliġibbiltà b'inċentivi finanzjarji għall-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni, jenħtieġ li jitħeġġeġ ukoll f'konformità mal-mandat ta' "darba biss" stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/1724 li jistabbilixxi gateway diġitali unika[33].

(9) L-obbligi tal-fornituri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/1369 japplikaw għall-manifatturi, għall-importaturi u għar-rappreżentanti awtorizzati tal-UE, li lkoll huma meħtieġa jikkonformaw ma' dawk l-obbligi. Huwa xieraq li tiġi eliminata l-ambigwità dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-mandati tar-rappreżentanti awtorizzati bbażati fl-Unjoni li jirreġistraw prodotti relatati mal-enerġija f'isem manifatturi stabbiliti barra mill-Unjoni. Għalhekk, sabiex tiġi pprovduta aktar ċarezza lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar min jista' jintalab jieħu azzjoni korrettiva jekk prodott jonqos milli jikkonforma mar-regoli dwar it-tikkettar tal-enerġija, jenħtieġ li r-rappreżentanti awtorizzati jkunu meħtieġa jinkludu kopja tal-mandat tagħhom fil-parti tal-konformità tal-EPREL. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi tar-rappreżentanti awtorizzati f'konformità ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

(10) Jenħtieġ li l-informazzjoni li tirreferi għal offerta ta' prodotti introdotti fis-suq jew imqiegħda fis-suq li ma jkunux konformi ma' dan ir-Regolament titqies bħala kontenut illegali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2022/2065[34]. Ir-Regolament (UE) 2022/2065 jipprevedi wkoll li s-swieq online huma obbligati jfasslu u jorganizzaw l-interfaċċa online tagħhom b'mod li jippermetti lin-negozjanti jipprovdu, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar it-tikkettar u l-immarkar f'konformità mar-regoli tad-dritt applikabbli tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti u l-konformità tal-prodotti. Din l-informazzjoni tista' tinkludi identifikaturi tal-prodott mingħajr ambigwità u l-informazzjoni prekuntrattwali relatata li tista' tinqara mill-magni u li tkun aċċessibbli liberament disponibbli permezz tal-interfaċċa pubblika tal-EPREL.

(11) Il-klijenti jistgħu jiġu influwenzati mit-tikkettar tal-informazzjoni li tkun qiegħda tintwera fi stadji differenti ta' proċess tax-xiri online u qabel ma tittieħed id-deċiżjoni attwali dwar ix-xiri. Għalhekk, jenħtieġ li fil-bejgħ mill-bogħod online, il-wiri tat-tikketta simplifikat b'mekkaniżmi ta' wirja ġo oħra jkun viżibbli mhux biss fuq il-paġna ewlenija tal-prodott, iżda wkoll fuq paġni rilevanti oħrajn bħal dawk li jelenkaw jew li jqabblu l-alternattivi u fuq il-paġna tal-basket tax-xiri murija qabel ma jitlesta x-xiri.

(12) Huwa xieraq li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jimmonitorjaw kontinwament it-teħid ta' azzjoni suffiċjenti biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' konformità u li l-Kummissjoni tirrapporta regolarment dwar l-isforzi u l-progress li jkunu saru.

(13) Id-dispożizzjonijiet eżistenti fir-Regolament (UE) 2017/1369 dwar il-wiri bil-griż tal-klassijiet ta' tikketti tal-enerġija vojta fuq it-tikketta għal klassijiet aktar baxxi li fihom il-mudelli ma għadhomx permessi li jiġu introdotti fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz minħabba miżura ta' implimentazzjoni tal-ekodisinn urew li huma diffiċli li jiġu implimentati u jenħtieġ li jitneħħew.

(14) L-atturi intermedjarji bħall-installaturi jew il-fitters tat-tajers, kif ukoll in-negozjanti li ma jbigħux lill-klijenti jew lill-utenti finali direttament, jenħtieġ li jiżguraw li l-informazzjoni

---

[33] Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1–38)

[34] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1–102, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).

relatata mat-tikkettar tal-enerġija tingħadda fil-katina tal-provvista. Jenħtieġ li l-atturi intermedjarji jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti għan-negozjanti skont l-oqfsa tat-tikkettar tal-enerġija u tat-tikkettar tat-tajers meta, bħala parti mill-attività kummerċjali tagħhom, joffru prodotti jew tajers għall-bejgħ, għall-kiri jew għal-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri, jew juru prodotti lill-klijenti jew it-tajers lill-utenti finali.

(15) Sabiex jiġi ssimplifikat il-perjodu ta' tranżizzjoni f'każ ta' riklassifikazzjoni tat-tikketti, jenħtieġ li l-fornituri ma jibqgħux meħtieġa jipprovdu kemm it-tikketti mhux riklassifikati kif ukoll it-tikketti riklassifikati ma' kull unità introdotta fis-suq matul il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 4 xhur qabel id-data li minnha japplikaw it-tikketti riklassifikati. Matul dak il-perjodu, jenħtieġ li l-fornituri jkunu meħtieġa jipprovdu biss it-tikketta mhux riklassifikata jew riklassifikata, jew jenħtieġ li jitħallew jipprovdu ż-żewġ tikketti. Wara d-data tar-riklassifikazzjoni, jenħtieġ li l-fornituri jipprovdu biss it-tikketta riklassifikata ma' kwalunkwe unità introdotta fis-suq.

(16) L-iskadenza kurrenti ta' 14-il jum tax-xogħol għan-negozjanti biex jissostitwixxu t-tikketti mhux riklassifikati b'tikketti riklassifikati fuq il-prodotti murija kemm fil-ħwienet kif ukoll online jenħtieġ li tiġi ssostitwita bi proċess aktar flessibbli xprunat mill-istokk ġestit min-negozjanti. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li n-negozjanti sempliċiment jiżguraw li t-tikketti kkonsenjati ma' prodotti lill-klijenti jikkorrispondu għat-tikketta użata għall-wiri. Jenħtieġ li n-negozjanti jkunu jistgħu jkomplu juru u jbigħu unitajiet li rċevew b'tikketta mhux riklassifikata biss sa 12-il xahar wara d-data tar-riklassifikazzjoni.

(17) Għall-kuntrarju tar-Regolament (UE) 2017/1369, li jibbaża fuq atti delegati biex jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi speċifiċi għall-prodott, ir-Regolament (UE) 2020/740 jinkorpora l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha direttament fl-annessi tiegħu. Madankollu, l-ambitu tal-għoti tas-setgħa eżistenti ma jippermettix l-aġġornament ta' parametri importanti tat-tikketta tat-tajers f'konformità mal-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq, kif inhu l-każ għat-tikkettar tal-enerġija. Għalhekk, jenħtieġ li l-proċedura għall-emendar tat-tikketta tat-tajers tiġi allinjata mar-regoli għat-tikkettar tal-enerġija, billi l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li temenda t-tikketta tat-tajers u l-annessi tekniċi, u li tallinja mar-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar l-ekodisinn stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2024/1781.

(18) Hemm bżonn li tittejjeb l-effettività tal-iskema tat-tikketta tat-tajers tal-UE u l-infurzar tagħha biex l-utenti finali jkunu jistgħu jidentifikaw tajers sikuri u effiċjenti fl-użu tal-fjuwil li jkunu konformi. Jenħtieġ li l-obbligi għan-negozjanti jkunu proporzjonati wkoll. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu inklużi speċifikazzjonijiet dettaljati għall-wiri tat-tikketta simplifikata permezz ta' mekkaniżmi ta' wirja ġo oħra għall-bejgħ online, f'materjal promozzjonali u fil-katalogi tat-tajers u jenħtieġ li jitneħħew l-obbligi għan-negozjanti tal-vetturi.

(19) Il-Ftehim bejn il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea dwar il-koordinazzjoni tal-programmi applikabbli dwar tikkettjar tal-effiċjenza enerġetika għat-tagħmir tal-uffiċċji l-Ftehim Energy Star skada fi Frar 2018. Għalhekk, jenħtieġ li jitħassru r-Regolament (KE) Nru 106/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35] u r-Regolament (UE) Nru 174/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36], li implimentaw dak il-ftehim.

---

35 Ir-Regolament (KE) Nru 106/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/106/oj).

36 Ir-Regolament (UE) Nru 174/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 106/2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju (ĠU L 63, 6.3.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/174/oj).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament (UE) 2017/1369

Ir-Regolament (UE) 2017/1369 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(27) "reġistru Ewropew tal-prodotti għat-tikkettar tal-enerġija" jew "EPREL" tfisser il-bażi tad-data dwar il-prodotti stabbilita u miżmuma mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 12;

(28) "numru tar-reġistrazzjoni tal-mudell tal-EPREL" tfisser in-numru tar-reġistrazzjoni uniku ta' mudell fil-bażi tad-data tal-prodotti stabbilita skont l-Artikolu 12;

(29) "installatur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-installazzjoni, għall-istabbiliment, jew għat-twaħħil korrett u sikur ta' prodotti relatati mal-enerġija fis-suq tal-Unjoni;

(30) "data tar-riklassifikazzjoni" hija d-data speċifikata fl-att delegat rilevanti li fih kull unità ta' mudell introdott fis-suq mill-fornitur għandha tkun akkumpanjata biss mit-tikketta riklassifikata;

(31) "wirja ġo oħra" tfisser interfaċċa viżiva fejn immaġni jew sett ta' data jiġu aċċessati permezz ta' klikk tal-maws, roll-over tal-maws jew espansjoni fuq l-iskrin tattili ta' immaġni oħra jew ta' sett ta' data ieħor;

(32) "stedina għax-xiri" tfisser stedina għax-xiri kif definita fil-Artikolu 2, il-punt (i), tad-Direttiva 2005/29/KE[37] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill."

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-fornitur għandu jiżgura li l-prodotti li jiġu introdotti fis-suq jiġu pprovduti, għal kull unità individwali, mingħajr ħlas, b'tikketti akkurati f'konformità ma' dan ir-Regolament u kif speċifikat fl-atti delegati rilevanti. Fid-dawl tal-karatteristiċi tal-prodott, l-atti delegati għandhom jispeċifikaw kif it-tikketta u informazzjoni oħra rilevanti għat-tikkettar, bħall-kodiċi QR, għandhom jidhru fuq il-prodott, fuq l-imballaġġ tiegħu jew fid-dokumenti li jakkumpanjaw il-prodott.

Il-fornitur għandu jdaħħal il-parametri tal-iskeda ta' informazzjoni dwar il-prodott fil-bażi tad-data tal-prodotti f'konformità mal-Artikolu 4 u mal-att delegat rilevanti. Il-fornitur għandu jipprovdi ħolqa għal dik l-informazzjoni flimkien mat-tikketta";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fuq talba ta' negozjant, il-fornituri għandhom jibagħtu tikketti stampati, inklużi tikketti riklassifikati f'konformità mal-Artikolu 11(13), mingħajr ħlas, minnufih u fi kwalunkwe każ fi żmien 5 ijiem tax-xogħol minn meta jirċievu dik it-talba.";

[37] Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali min-negozju għall-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern, u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew (ĠU L149, 11.6.05, p14 ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2005/29/2022-05-28).

(3) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu (3a) li ġej:

"(3a). Il-fornitur għandu jindika n-numru tar-reġistrazzjoni tal-mudell tal-EPREL, jew jipprovdi l-ħolqa jew idaħħal il-kodiċi QR għall-paġna web tal-mudell fl-EPREL, fid-dokumenti li jakkumpanjaw il-prodott, f'reklami viżivi u fil-materjal promozzjonali tekniku kif ukoll fil-bejgħ mill-bogħod online.";

(b) jiddaħħal il-punt (3b) li ġej:

"(3b). Ir-rappreżentant awtorizzat ta' manifattur mhux stabbilit fl-Unjoni għandu jtella' fl-EPREL kopja ffirmata tal-mandat li jkun irċieva mingħand il-manifattur b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit ir-rappreżentant awtorizzat. Il-mandat għandu, bħala minimu, jinkludi d-dettalji ta' kuntatt kemm tal-manifattur kif ukoll tar-rappreżentant awtorizzat u għandu jagħti lir-rappreżentant awtorizzat il-kapaċità li jsegwi t-talbiet tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Għandu jispeċifika l-kontenut u l-limiti tal-kompiti tar-rappreżentant awtorizzat, kif ukoll l-informazzjoni dwar il-marki jew it-trademarks, il-mudelli u l-ambitu ġeografiku u d-durata koperti b'dak il-mandat.

Kwalunkwe bidla fil-kompiti mwettqin mir-rappreżentant awtorizzat f'isem il-manifattur, kwalunkwe bidla fl-ambitu jew fid-durata tal-mandat jew kwalunkwe bidla fl-isem u fid-dettalji ta' kuntatt tar-rappreżentant awtorizzat għandha tiġi rreġistrata mir-rappreżentant awtorizzat fl-EPREL mingħajr dewmien.";

(4) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Obbligi tan-negozjanti u tal-installaturi"**;

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. In-negozjanti għandhom:

(a) "juru, għall-prodotti murija fiżikament, it-tikketta b'mod viżibbli qrib il-prodott b'tali mod li t-tikketta tkun identifikata b'mod inekwivoku u faċli mal-mudell speċifiku;

(b) juru, għall-prodotti li jintwerew permezz ta' bejgħ mill-bogħod online, it-tikketta qrib il-prezz u fuq il-paġna tad-dettall tal-prodott, il-paġni tar-riżultat tat-tiftix u l-paġna tal-basket tax-xiri. In-negozjanti jistgħu juru t-tikketta fil-format tat-tikketta simplifikata b'wirja ġo oħra li jikkonsisti fi vleġġa tal-klassi tal-enerġija inkluża l-firxa applikabbli u li tagħti aċċess dirett għat-tikketta sħiħa, kif speċifikat fl-att delegat rilevanti;

(c) fi stediniet għax-xiri, u f'offerti kuntrattwali, jinkludu t-tikketta rilevanti bħala informazzjoni (pre)kuntrattwali materjali li tippermetti lill-klijent jagħmel xiri infurmat;

(d) fi kwalunkwe tranżazzjoni minn negozjant għal negozjant, jipprovdu n-numru tar-reġistrazzjoni tal-EPREL jew il-ħolqa jew il-kodiċi QR li jwasslu għar-reġistrazzjoni ta' dak il-mudell fl-EPREL;

(e) tagħmel disponibbli lill-klijenti l-iskeda ta' informazzjoni dwar il-prodott kif speċifikat fl-att delegat rilevanti.";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-installaturi li, bħala parti mill-attività tagħhom joffru prodott għall-bejgħ, għall-kiri jew għax-xiri bin-nifs għandhom jikkonformaw mal-obbligi skont l-ittri (c) u (d) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u jekk applikabbli, l-obbligi l-oħra tan-negozjanti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.";

(d) jitħassar il-paragrafu 3;

(5) Fl-Artikolu 9(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jnaqqsu l-viżibbiltà tal-prodott għall-pubbliku fl-EPREL u juru twissijiet xierqa sakemm in-nuqqas ta' konformità jieqaf, bl-użu tal-funzjonalitajiet armonizzati previsti għal dan l-iskop fl-EPREL.";

(6) Jiddaħħal l-Artikolu (9a) li ġej:

"*Artikolu 9a*

Rapportar mill-Kummissjoni

1. Kull 4 snin, sat-30 ta' Ġunju l-Kummissjoni għandha tfassal rapport abbażi tal-informazzjoni mdaħħla mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fis-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020.

Dak ir-rapport jista' jiġi kkombinat u ppubblikat fl-istess ħin mar-rapport meħtieġ skont l-Artikolu 67 tar-Regolament (UE) 2024/1781 u għandu jinkludi:

(a) informazzjoni dwar in-natura u l-għadd ta' kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq matul l-4 snin kalendarji preċedenti skont l-Artikolu 34(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2019/1020;

(b) informazzjoni dwar il-livell u n-natura tan-nuqqas ta' konformità identifikat u, dwar in-natura u s-severità tal-penali imposti fl-4 snin kalendarji preċedenti fir-rigward ta' prodotti koperti minn atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament;

(c) tqabbil tal-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu mal-attivitajiet ippjanati fil-kuntest tat-taqsima dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq imfassla skont l-Artikolu 8(3);

(d) parametri referenzjarji indikattivi għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fir-rigward tal-frekwenza tal-kontrolli u tan-natura u s-severità tal-penali imposti;

(e) lista ta' prijoritajiet għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq f'termini ta' prodotti u ta' rekwiżiti."

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fis-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020 u għandha tagħmlu disponibbli għall-pubbliku. L-ewwel wieħed minn dawk ir-rapporti għandu jiġi ppubblikat sad-19 ta' Lulju 2032.";

(7) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu (10);

(b) il-paragrafu (13) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"13. Meta, skont il-paragrafu 1 jew 3, tabella tiġi rriklassifikata:

(a) il-fornituri għandhom, meta jintroduċu prodott fis-suq matul il-perjodu li jibda 4 xhur qabel id-data tar-riklassifikazzjoni, jipprovdu jew it-tikketta mhux riklassifikata u l-iskeda relatata ta' informazzjoni dwar il-prodott jew it-tikketta riklassifikata u l-iskeda reletata ta' informazzjoni dwar il-prodott, jew jistgħu jipprovdu t-tnejn. Mid-data tar-riklassifikazzjoni, il-fornituri għandhom jipprovdu biss it-tikketta riklassifikata u l-iskeda ta' informazzjoni relatata dwar il-prodott mal-prodotti introdotti fis-suq;

(b) in-negozjant għandu juri jew jirreklama t-tikketta fil-punt tal-bejgħ li tikkorrispondi għat-tikketta li tiġi pprovduta mal-unità li tiġi offruta jew mibjugħa lil klijent. Meta kemm it-tikketta mhux riklassifikata kif ukoll it-tikketta riklassifikata jiġu pprovduti mill-fornitur, in-negozjant għandu juża biss it-tikketta riklassifikata mid-data tar-riklassifikazzjoni;

(c) in-negozjant għandu jkun permess ibigħ unitajiet ta' mudelli introdotti fis-suq qabel id-data tar-riklassifikazzjoni u akkumpanjati biss bit-tikketta mhux riklassifikata sa 12-il xahar wara d-data tal-klassifikazzjoni mill-ġdid.";

(8) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (5), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Barra minn hekk, il-fornitur jista' jtella', fuq bażi volontarja, partijiet addizzjonali tad-dokumentazzjoni teknika, inklużi rapporti tat-testijiet u dokumenti oħra relatati mar-rekwiżiti tal-ekodisinn jew tat-tikkettar tal-enerġija jew mal-valutazzjoni tal-konformità għall-mudelli rreġistrati fl-EPREL. Meta fornitur ikun għażel li jtella' t-tali dokumenti, jew meta t-tali dokumentazzjoni tkun disponibbli għall-awtoritajiet permezz ta' Passaport Diġitali tal-Prodott marbut mar-reġistrazzjoni tal-mudell fl-EPREL, l-informazzjoni inkluża fl-EPREL għandha tiġi aċċettata għall-finijiet tal-Artikolu 7(2).";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"(13.) Fejn previst mid-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-integrazzjoni bejn l-EPREL u l-parti ċentrali tar-reġistru li għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2024/1781.";

(9) L-Artikolu 16, il-paragrafu (3) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) il-mod li bih it-tikketti u l-kodiċijiet QR jidhru fuq il-prodott jew fuq l-imballaġġ tiegħu, jew għandhom jiġu inklużi fil-manwal tal-utent jew f'dokumentazzjoni oħra pprovduta mal-prodott;";

(b) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) il-mod li bih għandhom jiġu pprovduti t-tikketta u l-iskeda ta' informazzjoni dwar il-prodott, l-informazzjoni ddettaljata fl-iskeda ta' informazzjoni dwar il-prodott, jew il-ħolqa għar-reġistrazzjoni tal-prodott fl-EPREL, inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod;";

(c) jiżdied il-punt (r) li ġej:

"(r) fejn applikabbli, jekk u kif l-installaturi għandhom juru jew jipprovdu t-tikketta.".

Artikolu 2

Emendi tar-Regolament (UE) 2020/740

Ir-Regolament (UE) 2020/740 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(25) 'reġistru Ewropew tal-prodotti għat-tikkettar tal-enerġija' jew 'EPREL' tfisser il-bażi tad-data dwar il-prodotti stabbilita u miżmuma mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2017/1369;

(26) 'fitter tat-tajers' tfisser persuna fiżika jew ġuridika li hija responsabbli għat-twaħħil u għall-istabbiliment korrett u sikur tat-tajers fuq il-vetturi.";

(27) 'wirja ġo oħra' tfisser interfaċċa viżiva fejn immaġni jew sett ta' data jiġu aċċessati permezz ta' klikk tal-maws, ċaqliqa tal-maws jew permezz ta' tkabbir fuq l-iskrin tattili ta' immaġni oħra jew ta' sett ta' data ieħor;"

(2) fl-Artikolu 4(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) għal kull lott ta' żewġ tajers identiċi jew aktar, b'tikketta tat-tajer li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II, li tindika l-informazzjoni u l-klassi għal kull wieħed mill-parametri stabbiliti fl-Anness I.";

(3) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-fornituri għandhom idaħħlu l-informazzjoni li tinsab fl-Anness III u fl-Anness VII fl-EPREL qabel ma jintroduċu fis-suq tajer prodott wara dik id-data. Għandha tiġi pprovduta ħolqa għal dik l-informazzjoni flimkien mat-tikketta.";

(4) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Obbligi tad-distributuri tat-tajers u tal-fitters tat-tajers**";

(b) fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"(a) fil-punt tal-bejgħ, it-tajers ikollhom fuqhom tikketta tat-tajer, fil-forma ta' stiker, li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II, ipprovduta mill-fornitur f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 4(1) f'pożizzjoni viżibbli u li tinqara fl-intier tagħha; jew

(b) qabel il-bejgħ ta' tajer li jkun parti minn lott ta' żewġ tajers identiċi jew aktar, it-tikketta tat-tajer li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II, tintwera lill-utent aħħari u tintwera b'mod ċar qrib it-tajer fil-punt tal-bejgħ.";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Id-distributuri għandhom jiżguraw li n-numru tar-reġistrazzjoni tat-tajers tal-EPREL jew il-ħolqa jew il-kodiċi QR li jwasslu għar-reġistrazzjoni tat-tajers fl-EPREL jiġu inklużi fl-offerti kollha tat-tajers, fir-reklami viżivi u fil-fatturi. Jekk jiġi indikat prezz, it-tikketta tat-tajer, jew il-klassijiet tat-tajers kif stabbiliti fl-Anness IV, għandhom jintwerew qrib l-indikazzjoni tal-prezz. Għall-bejgħ online, id-distributuri jistgħu jagħmlu t-tikketta tat-tajer disponibbli f'wirja ġo oħra kif stabbilit fl-Anness IV qrib l-indikazzjoni tal-prezz.";

(d) jitħassru l-paragrafi 4, 5 u 6;

(e) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Fil-katalogi jew fil-materjal promozzjonali tekniku, fejn il-wiri tat-tikketta sħiħa ma jkunx possibbli jew rakkomandabbli, ir-reżistenza għad-dawrien, il-qabda fuq l-imxarrab u l-klassijiet tal-istorbju jistgħu jintwerew permezz ta' format ta' tikketta simplifikata b'wirja żo oħra li tikkonsisti minn vleġeġ tal-klassi inklużi l-meded applikabbli kif stabbiliti fl-Anness IV u li jagħtu aċċess dirett għat-tikketta sħiħa.";

(5) Tħassar l-Artikolu 7.

(6) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

Il-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-Annessi I, II, III, IV, V, VI u VII, billi jadattaw il-valuri, il-metodi ta' kalkolu u r-rekwiżiti stabbiliti fihom għall-iżviluppi teknoloġiċi jew tas-suq jew għar-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar l-ekodisinn stabbiliti fl-atti delegati adottati skont ir-Regolament (UE) 2024/1781";

(7) L-Anness III huwa sostitwit bit-test tal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(8) L-Anness IV huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(9) L-Anness VII huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Tħassir tar-Regolament (KE) Nru 106/2008 u tar-Regolament (UE) Nru 174/2013

Tħassru r-Regolament (KE) Nru 106/2008 u r-Regolament (KE) Nru 174/2013.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
Roberta Metsola	*António Costa*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u r-Regolament (UE) 2020/740 dwar it-tikkettar tat-tajers

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Enerġija

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. *Objettiv(i) ġenerali*

L-objettiv ġenerali mfittex permezz ta' din il-proposta leġiżlattiva hija li jiġu ssimplifikati elementi tar-Regolamenti (UE) 2017/1369 u (UE) 2020/740 bil-ħsieb li jitnaqqsu l-kostijiet amministrattivi għan-negozji u titjieb il-konformità, filwaqt li tiġi ppreservata l-effettività tal-leġiżlazzjoni eżistenti u tal-qafas stabbilit mir-Regolament (UE) 2024/1781 dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, li ntlaħaq qbil dwaru reċentement.

Il-qafas regolatorju għal prodotti effiċjenti fl-enerġija huwa stabbilit sew u jgawdi mill-appoġġ tal-biċċa l-kbira tal-manifatturi, tal-bejjiegħa bl-imnut u tal-konsumaturi. Ġaladarba l-bażi tad-data tar-Reġistru Ewropew tal-Prodotti għat-Tikkettar tal-Enerġija (EPREL) toffri possibbiltajiet diġitali li ma kinux previsti f'dak iż-żmien, jidher li jkun opportun li tiġi rriveduta l-interazzjoni bejn l-obbligi li jintalbu dokumenti stampati u formati diġitali.

Il-proposta għandha wkoll l-għan li tindirizza l-livelli għoljin persistenti ta' prodotti mhux konformi (b'mod partikolari fil-ħwienet online).

1.3.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

L-objettivi speċifiċi tal-emendi proposti tar-Regolamenti (UE) 207/1369 u (UE) 2020/740 inklużi f'din il-proposta għandhom l-għan li jiksbu r-riżultati li ġejjin:

It-tnaqqis tal-kumplessità amministrattiva u tal-piż kumulattiv billi tiġi pprovduta l-possibbiltà li l-obbligu tal-fornitur jiġi aġġustat biex jakkumpanja lil kull unità b'tikketta stampata fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-prodott. It-tneħħija tal-għażla għan-negozjanti li jitolbu skedi ta' informazzjoni dwar il-prodott stampati.

Id-diġitalizzazzjoni tal-informazzjoni dwar il-prodott għal wiri aktar faċli fil-ħwienet kif ukoll għal aċċess aktar faċli u aktar fit-tul għal informazzjoni relatata mal-ħajja tal-prodott aċċessibbli fil-bażi tad-data tal-prodotti lill-utenti finali/konsumaturi bħall-informazzjoni dwar il-manutenzjoni, l-informazzjoni dwar l-ispare parts u l-prodott fi tmiem il-ħajja.

Is-simplifikazzjoni tal-obbligi tar-reġistrazzjoni tal-EPREL biex jiżdiedu l-utilità u l-utilizzabilità tal-informazzjoni rreġistrata, u biex tiġi ffaċilitata l-konformità online.

Iż-żieda fil-konformità mat-tikketti, b'mod partikulari għat-tajers, għat-tagħmir tat-tisħin u tat-tkessiħ, u fin-negozji online

Is-simplifikazzjoni tal-proċessi għall-adattament tar-rekwiżiti tat-tikketta tat-tajers għal bidliet fit-teknoloġija jew fil-kundizzjonijiet tas-suq

It-titjib tas-sorveljanza tas-suq billi jiġu ċċarati l-kunċetti legali u billi jsir użu aħjar mill-EPREL biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' konformità

1.3.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

L-emendi proposti tar-Regolamenti (UE) 2017/1369 u r-Regolament (UE) 2020 se jaffettwaw: il-manifatturi (ibbażati fl-UE jew minn pajjiżi terzi) ta' prodotti relatati mal-enerġija b'tikketta tal-enerġija, il-manifatturi tat-tajers, in-negozjanti tat-tajers u tal-karozzi, id-distributuri tat-tajers, in-negozjanti tal-prodotti tal-enerġija (kemm bejjiegħa bl-ingrossa kif ukoll dawk diretti għall-konsumaturi), il-konsumaturi, l-SMEs u negozji oħra li jixtru jew jillokaw prodotti relatati mal-enerġija u tajers, fornituri ta' swieq online, importaturi u rappreżentanti awtorizzati ta' prodotti fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni, installaturi u awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq.

Il-proposta se ttejjeb l-effettività tal-politiki permezz ta' interazzjoni aħjar tad-dokumenti diġitali u stampati. Din se ttejjeb il-kundizzjonijiet ekwi għall-fornituri u għan-negozjanti konformi.

1.3.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Biex timmonitorja l-progress lejn il-kisba tal-objettivi speċifiċi tal-proposta, il-Kummissjoni se tuża fora eżistenti (AdCo (formazzjonijiet speċifiċi għas-settur); Il-Forum ta' Konsultazzjoni dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija u l-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u Forum ta' Konsultazzjoni dwar it-tikkettar tal-enerġija) u l-monitoraġġ tal-iżviluppi bħala parti minn proġetti ffinanzjati mill-UE biex jappoġġaw l-implimentazzjoni u l-konformità.

Ir-rieżamijiet speċifiċi għall-prodott skont il-qafas tat-tikkettar tal-enerġija u l-evalwazzjonijiet li jakkumpanjawh se jixħtu dawl fuq l-effett tal-bidliet.

Barra minn hekk, il-bażi tad-data tal-prodotti tal-EPREL tippermetti monitoraġġ kontinwu tas-suq u biex jiġu riċevuti lmenti dwar prodotti mhux konformi. Fl-aħħar nett, il-konformità se tiġi mmonitorjata permezz tal-proċeduri rilevanti, inklużi l-bażi tad-data tal-ICSMS li hija interkonnessa mal-EPREL.

1.4. **Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':**

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja** [38]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☑ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Mhux Applikabbli. Ir-Regolamenti huma applikabbli direttament.

[38] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni, fir-rwol tagħha bħala maniġer tal-bażi tad-data, se timplimenta bidliet li jakkumpanjaw fl-istabbiliment tal-bażi tad-data tal-EPREL ladarba tiġi adottata l-proposta.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Regoli tas-suq uniku armonizzati u mtejba.

Effettività akbar tal-bażi tad-data tal-prodotti madwar l-UE, inkluż għall-attivitajiet nazzjonali ta' infurzar u għall-iskemi nazzjonali ta' finanzjament

għal aktar dettalji, ara l-kapitolu dwar is-sussidjarjetà tal-IA

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Ir-rapporti meħtieġa skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2017/1369 u l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2020/740 fihom evidenza dwar l-effettività tal-implimentazzjoni u tal-istabbiliment tal-leġiżlazzjoni.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

M/A

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

M/A

1.6. **Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha**

☐ **durata limitata**

☐ fis-seħħ minn [JJ.XX]SSSS sa [JJ.XX]SSSS

☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☑ **durata mhux limitata**

Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. **Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)** [39]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

☐ mill-aġenziji eżekuttivi

[39] Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku;
- ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
- ☐ lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

M/A

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

M/A

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

M/A

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

M/A

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

M/A

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

M/A

3.

4. **IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

4.1. **Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i**

Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.[40]	mill-pajjiżi tal-EFTA[41]	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali[42]	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
	M/A	Diff./Mhux diff.				

Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor

[40] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

[41] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[42] Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

				u minn kandidati potenzjali		
	M/A	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

4.2. **Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet**

4.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

☑ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

4.2.1.1. *Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

